MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2014

Numru. 850/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)**

**Vs**

**Ahmed Tarek Migiref**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hadd 7 ta' Settembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ahmed Tarek Migiref ta' 38 sena, bin Tarek u Fatima Mahmudi, imwieled gewwa Tripoli Libja fit-8 ta' Gunju 1976, residenti Malta gewwa Hal Far Open Centre limiti ta' Birzebbuga, detentur ta' document mahrug mill-Kummissjoni Refugjati li ghandu n-numru 16462-13 mahrug fit-8 ta' Lulju 2014:

Talli matul il-lejl ta' nhar is-6 ta' Settembru 2014, gewwa l-fond 118 Flat 1, Triq Zekka, Valletta, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn residenza privata ghad-dannu tal-familja Bonello, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li huwa aktar minn €2329.37, bil-hin u bil-lok;

Ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' proprjeta' passaporti, costume jewellery, flus kontanti u oggetti ohra, ghad-dannu ta' l-istess familja Bonello, liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa aktar minn €232.94 izda mhux aktar minn €2329.37, bil-mezz, bil-hin u bil-lok.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u ghalhekk ma tqisx li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269(g), 278(3), 279, 280, 17, 20 u 31 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Kopja ta′ din is-sentenza u ta′ l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------